KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 11

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-kunsill Lokali numru 11 li ser tinżamm fl-uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 13 ta' Frar 2025, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 18 ta' Frar 2025

---

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea Sindku
- Christopher Vella Petroni Viċi Sindku
- Alfred Grima Kunsillier
- Alex Aguis Kunsillier
- Sandra Gauci Kunsillier
- Clevion Micallef Kunsillier
- Rachel Williams Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Joseph Matthew Attard Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino Kunsillier
- Alan Bugeja Kunsillier
- Anne Fenech Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**11.1 Qari ta ittri t'apoloġija**

Ma kienx hemm

Korrezzjonijiet mill- minuti – Laqgħa Numru 10

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Is-sindku għamel referenza għal item 10.11 fejn hemm miktub ' parti minn triq il-pijunieri ma sarx tizjien' titnehha minflok jinkiteb ' parti minn triq il-pijunieri t- tizjien kien sar iktar minn ħmistax il- gurnata tard' Is-sindku rrefera li fejn hemm miktub tinqata 'somma'- jizdied l-ammont ta €500 wara il-kelma 'somma' ghax l-ammont ma kienx imsemmi.

Għall-approvazzjoni pproponiet il-kunsilliera Rachel Williams u ġew sekondati mill-kunsilliera Sandra Gauci.

Il-kunsill Approva

**11.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 10**

Ma kienx hemm

**11.3 Punti mill-minuti**

Is-sindku rrefera għall-proġett tal-pjazza u ndika li l-Ħamis stess kien hemm konferenza t'aħbarijiet mill-ministru Chris Bonett, li filwaqt li ħabbar iktar dettalji tax-xogħol, indika wkoll li l-ispiża kienet ser titla ghall-10 miljuni minflok 7 kif kienet ndikat l-aħħar darba.

Il-kunsillier Alfred Grima ppreżenta lil Aġent Segretarju Eżekuttiv dwar item 10.3 aġġornamenti ta 'xogħlijiet traskrizzjoni u *recording* – li ntqal waqt il-laqgħa 9 .

Is-sindku ddikjara li l-minuti tal-laqgħa numru 9 kienu diġà approvati, fil-laqgħa preċedenti u dak kollu ppreżentata kien kollu *out of order*.
L-istess kunsillier Alfred Grima poġġa fuq il-mejda tal-kunsill kopja ta' pjanta dwar xogħol, fl-inħawi tal-*Housing Estate* Ta' Erba Mwieżeb, Din il-pjanta ma kellha l-ebda relevanza għax-xogħol fuq il-ġnien Kacey Sciberras.
Il-kunsillier Alfred Grima staqsa fuq liema pjanti tkompla x-xogħol li sar, u x'permessi kien hemm. Is-sindku nforma li fil-fatt ix-xogħol sar minn *Project Green* u l-kunsill ma applikax għal ebda permess.
F'dan il-punt il-kunsillier Alfred Grima staqsa kif il-kunsill kien ħallas €40,000, Is-Sindku wieġeb li kunsill ma kien ħallas xejn. Fil-fatt għal kemm kien hemm *item* li jittratta ħlas ta' xi dwal li kien fl-iskeda tal-pagamenti, jekk dan jiġi approvat, il-kunsill kien ser jiġi *refunded* minn Project Green għal l-istess dawl.

Il-kunsillier Alfred Grima ppreżenta stqarrija f-isem il-membri tal-partit Laburista lill-kunsill biex tinqara waqt il-laqgħa.
Is-sindku ġibed attenzjoni li din it-talba mhux ser tiġi aċċettata għaliex il-każ kien qed jigi nvestigat mid-dipartiment tal-kunsilli Lokali, u allura kull deċiżjoni li tista' tittieħed trid ttieħed wara dak li jirriżulta
Għalkemm l-istqarrija nqrat, ma kienetx ser issir l-ebda konsiderazzjoni tagħha.
F dan il-ħin il-membri tal -kunsill f 'isem il-partit laburista telqu l-barra mil-laqgħa.
Il- ħin kien 17.45.

## 11.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-sindku aġġorna lil kunsill dwar laqgħa li kellu hu flimkien mal-Viċi Sindku Chris Vella Petroni mal-Green MT, il-kuntrattur identifikat mill-ERA biex jieħu ħsieb il *Bring in Sites* fil-lokalita. Waqt din il-laqgħa ġie maqbul li skond ERA il-kunsill għandu obbligu li jkollu 16 il-*bring in sites* u kien hemm qbil li għalissa ma jitpoġġewx kollha imma jitpoġġew f'ċertu postijiet li huma -: triq f'il-Port Ruman, qrib *distribution centre* tal-Enemalta tal-Qawra, Triq il-Pwales Xemxija, fejn il-knisja ta Xemxija u triq il-Boxxla Qawra. Dawk ha jkun b'solar CCTV cameras.
Il-kunsilliera Anne Fenech staqsiet minn ha jkollu aċċess għal CCTV cameras, Is-sindku wieġeb li Green MT ser jkollhom aċċess dirett però Is-sindku talab li kunsill li jkollu aċċess għal *monitoring* ta' dawn siti.
Il-kunsilliera Alex Agius staqsa jekk mhux ha jkun hemm xi multi bħal postijiet oħra fejn jkun hemm abbuż u il-kunsill jkollu xi perċentaġġ. Is-sindku wieġeb li sa issa ma kienx hemm ftiehem fuq hekk imma qed issir pressjoni fuq l-indafa. Is-sindku żied li Green MT ser ikunu qed jippreżentaw proposta tal-kuntratt bejniethom u l-kunsill.
Is-sindku nforma dwar laqgħa li kellu mal-kumpanija FACES li huwa il-kuntrattur li jagħmel xogħol tal *bus shelters* fil lokalita. Is-sindku żied li wieħed jrid jara jekk DNOs li kienu saru fil fatt sarux skond disinn ta' dan il-kuntrattur inkella fuq disinn ta ħaddieħor. Matul il-laqgħa r-riżultat wkoll li hemm xi pendenzi dwar il-*Bus Shelters* li allegatament inqalaw mill-lokalita.

Is-Sindku aġġorna dwar Ic-Centru Civiku u nforma , li kiteb lid-direttur tal-*works division* dwar il-pjanti ta dan iċ-ċentru għaliex konna waqajna lura. Fil-fatt talab lid-direttur, il-perit Stephen Bonello biex jmexxi bil-pjanta fuq site oriġinali għaliex kien jidher li l-parti tal-privat li possibbilment kienet ser tingħaqad mas-sit tal kunsill kienet ser iddum wisq biex tiġi konkluża,

Is-sindku nforma li l--kunsill preċedenti kien ta l-approvazzjoni tiegħu li ħames palmiet jinqalaw minn fejn li kienet area ta Cherry Tree u jitpoġġew x'imkien fil-lokalita b'ispejjeż tas-sid .Is-sindku saqsa lill-kunsilliera preżenti biex jissuġġerixxu xi post huma.
Kien issuġġeriet li jitpoġġew fejn *distribution centre* tal-Qawra fejn il-ground fil-parti li fija ma hemmx siġar.
Kien hemm il-qbil li jitħawwlu f din akwata jekk din taqa'taht il-kunsill lokali .

Is-Sindku aġġorna dwar il-każ PB 362/23 / PB 370/23 li fil-ġurnata li kien ha jinstema l -appell tkellem ma l-avukata ta din L-Art Helwa fejn infurmatu li kienet ha taċċetta differiment tal-każ għax l- avukat tal-parti l-oħra kien msiefer. Is-Sindku qal wkoll li ma sab l-ebda pożizzjonijiet uffiċjali tal-kunsill dwar dan il-permessi-sindku nforma li kien ser jikteb lill-Perit tal-kunsill kif ukolllill- *Planning Authority* biex jkolli l -stampa ċara x kienu sottomissjonijiet minn naha tal kunsill jekk kien hemm.

Is-sindku nforma lill -kunsill rċieva tlett skemi li l-kunsill ha japplika għalihom u jagħlqu f' dati differenti u rrefera għal qbil li kien diġà deċiż mill-kunsill li japplika għall-kull skema li toħroġ. Li skemi huma-:

| | |
|---|---|
| Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 / 2026 | Data ta'għeluq 18 ta' Marzu 2025 |
| Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa 2025 | Data ta'għeluq 22 ta' April 2025 |
| Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025 | Data ta'gheluq 27 ta' Mejju 2025 |

**11.5 Ittra ufficjali dwar il-kuntratt tal-binja tal- Kunsill.**

Is-Sindku nforma lill-kunsill dwar l-ittra legali li l-kunsill irrcieva mis-sid ta-binja tal-kunsill fejn staqsa jekk il-kunsill kienx lest jibqa' juża l-post wara li ha tiżdied il-kera u dwar estensjoni tal-kuntratt minħabba li l-kuntratt ser jagħlaq fid29 ta' Lulju li ġej. Is-sindku ġibed attenzjoni li il-file tal-kuntratt ma nstabx fil-kunsill, imma xorta nistaw nġiebuh mil-Qorti. L-avukat diġà nfurmat bl-ittra legali. Kien hemm qbil li l-kunsill ser jieħu il parir tal-avukat fuq it-termini tal-kuntratt qabel jiddiskuti u jiġi negozjat kuntratt ġdid mas- sid.

\- **11.6 Aġġornament -Ġnien it-tfulija Burrmarrad**

Is-sindku aġġorna lill-kunsill dwar l-aħħar zvilluppi fuq Gnien it-tfulija, u kien informat mill-ministeru li gnien ha jigi devolut lill-club tal-futbal inkluz fejn sar xoghol mill-kunsill. Il-Ministeru bagħat kopja ta klawsola li qed jigi propost li tizdied mal-kuntratt li ser ikun iffirmat ma Burmarrad FC. Il-kunsill ma għandux kopja tal-kuntratt propost u dan ma kientx ser tagħaddi ghand il-kunsill. F'dan rigwardil-kunsill staqsa jekk konniex ser niehdu lura l-ispejjez li għamilna.
Il-kunsill qabel li għandu jibqa jsostni li jiehu l-flus lura. Fl-istess hin l-klawsola proposta li l-ġnien jibqa accessibbli għan-nies għandha dejjem tigi nkluza.
F'dan ir-rigward Is-sindku rrefera għal suggerementi li bagħat il-kunsillier Alfred Grima u għandhom jintbagħtu lil Ministeru ghall-kunsiderazzjoni tieghu.
Kien hemm qbil li l-kunsill għandu jigi kompensat għall-finanzi li ħareg għal progett .

**11.7 PA 3209/23 - (Mavina Hotel) - signing of tri-partite agreement.**

Is-sindku rrefera għal kuntratt propost mill-*Planning Authority*, mas-sidien u mal-kunsill lokali dwar pjazza żgħira fl-istess kumpless biex jigi iffirmat. Is-sindku nforma lil-avukat b'*draft agreement* u minn naha ta'avukat ma sab l-ebda oġġezjoni li ma għandux jkun iffirmat.

Il-Kunsill Approva li l-kuntratt jigi ffirmat.

**11.8 Aġġornament dwar tqassim ta' tenders ta' latrini.**

Is-sindku aġġorna lill-kunsill li hu flimkien ma vici sindku Chris Vella petrioni kienu tkellemu mal persuni konċernati li ħadu tender tal-latrini u sar il- ftiehem dwar liema huma latrini li ha jieħdu ħsieb huma. Fil-granet li gejien mistenni jiffirmaw il-kuntratt.
Kien hemm qbil li toħrog RFQ/s ghax -xogħol li jrid jsir, fuq diversi ħsarat li hemm fil-latrini fil-prezent
Ipproponiet il-kunsilliera Anne Fenech u s-sekondat kunsilliera Sandra Smart Costantino.
Il-kunsill Approva

### 11.9 Malta Cycling Federation (April) / Malta Marathon (Marzu)

Is-Sindku rrefera dwar zewġ attivaitajiet sportivi li talbu il- permessi għal 25 u 27 t' April li ha jghaddu mill bypass ta' San Pawl il-Bahar bejn 10.00am u 12.00pm, u oħra li ha jgħaddu minn San Martin bejn 8.00 u 11.30 ta filgħoqdu u hemm oħra f'18 ta' Mejju minn f'San Martin bejn 7,30am u il 11.30 ta filgħoqdu.
Is-Sindku informa lill -kunsill dwar il Malta Marathon li saret diversi drabi u li din darba ha jsir f'23 ta'Marzu li ha jgħaddu minn San Pawl il-Baħar.

-Ippropona il-kunsillier Alex Agius -sekondat kunsilliera Sandra Gauci.
-Il-kunsill Approva

### 11.10 Approvazzjoni *performance Bonus* Agent Segretarju Ezekuttiv u ex Segretarju Ezekuttiv

Kien hemm qbil li assessjar ex Segretarju Ezekuttiv u Agent Segretarju Ezekuttiv jieħdu il massimu

### 11.11 Hatriet ta' kumitati

Is-sindku tkellem biex jinħatru il-kumitati u jitressqu quddiem il-kunsill ismijiet tal-persuni u proposti.

### 11.12 Preżentazzjoni dwar proposta Dr Mark Xuereb

Is-sindku informa l-kunsill biex Dr Mark Xuereb jagħmel preżentazzjoni fuq Mental Health lill kunsilliera u l- ħaddiema tal -kunsill. Kien qbil hemm li tiġi miftehma data u ħin ma segretarja ta Dr Mark Xuereb dwar presentatazzjoni.

### 11.13 Monument Freddie Portelli

Is-sindku rrefera ghal ijmel min għand Sur Ray Tabone li huwa Chairman tal-kumitat 'Monument Freddie Portelli'
Peress li DNOs ma jistawx jiġu estiżi kellu jigi diskuss x'ser isir u jekk fil-fatt it-talba kienetx għal bust jew statwa kif kien qed jingħad.
Is-sindku żied li l-kunsill preċedenti kien approva għotja sa massimu ta €5000 .
Il-vici sindku staqsa jekk l-ammont ta €5000 kienux approvati fil minuti, Is-sindku wieġeb li fil-laqgħa numru 68 ta 12 ta' Settembru 2023 fl-item 8 kien hemm approvazzjoni mill-kunsill ta' budget massimu ta €5000
Kien hemm qbil li din il-proposta terġa tiġi diskussa fil-futur.

**11.14 Impieg ta'ħaddiema Klerikali**

Is-sindku nforma lil-kunsill ha jikteb lid- dipartiment tal-kunsilli biex jizdiedu il-ħaddiema klerikali u eventwalment toħrog sejha. F'dan l-istadju kienet ha jsir talba għal 4 mpjegati

Is-sindku ppropona u s-sekonda il-vici sindku

Il-Kunsil Approva

**11.15 Ħarga Anzjan Frar 2025**

Il -kunsill qabel li Ħarga għal Anzjan ta' xahar ta' Frar tkun issussidjata €5

Ipproponiet il-kunsilliera Mary Borg s-sekonda kunsillier Alex Agius
Il-kunsill Approva

**11.16 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Mistoqsijiet mill-Kunsillier Alfred Grima ma jitwiegbux għax ma kienx prezenti.

**11.17 Approvazzjoni ta'kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizz**

Ma kienx hemm

**11.18 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-sindku rrefera dwar pagamnet ta JJ Construction u jitħallas l-ammont li hemm imnizzel fil-pagament u jitnaqqsulu 15% kif saru f' kontijiet precidenti.
Kien hemm qbil ukoll li item dwar hlas ta; dawl fi ġnien Kacey Sciberras ma jitħallas f dan l-istadju
-
Ipproponiet il-kunsilliera Rachel Williams u s-sekonda kunsillier Alex Agius
Kunsill Approva

**11.19 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19.20 u aġġornat għat-Ħamis 20 ta Frar fil 17.30